ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 26

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

29 ta' Jannar 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2011/56/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga** ..... 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2011 tat-28 ta' Jannar 2011 li jiffissa bil-quddiem l-ammont tal-għajnuna għall-ħżin privat tal-majjal** ..... 2

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 69/2011 tat-28 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 5

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 70/2011 tat-28 ta' Jannar 2011 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 ..... 7

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 71/2011 tat-28 ta' Jannar 2011 dwar il-prezzijiet tal-bejgħ taċ-ċereali bi tweġiba għall-ħames stedina individwali għal sejħa għall-offerti fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa skont ir-Regolament (UE) Nru 1017/2010 ..... 9

**Prezz: EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/8/UE tat-28 ta' Jannar 2011 li temenda d-Direttiva 2002/72/KE fir-rigward tar-restrizzjoni tal-użu ta' Bisfenol A fil-fliexken tal-plastik għat-tisqija tat-trabi** ([1]) 11

DEĊIŻJONIJIET

2011/57/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2010/320/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tissewwa l-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv** . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Lulju 2010**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga**

(2011/56/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(5), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga [1] jipprevedi, fl-Artikolu 21 tiegħu, li ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż terz li jikkondividi l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-objettivi u fil-ħidma taċ-Ċentru.

(2) Fil-11 ta' Lulju 2006 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mar-Repubblika tal-Kroazja għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-istess Ftehim.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim f'isem l-Unjoni soġġett għall-konklużjoni tiegħu [2].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. VANACKERE

---

[1] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

[2] It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 68/2011

## tat-28 ta' Jannar 2011

## li jiffissa bil-quddiem l-ammont tal-għajnuna għall-ħżin privat tal-majjal

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 43(a) u (d), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li meta l-prezz medju fis-suq Komunitarju għall-karkassi tal-majjal kif stabbilit b'referenza għall-prezzijiet reġistrati f'kull Stat Membru fuq is-swieq rappreżentattivi tal-Komunità u ppiżati permezz ta' koeffiċjenti li jirriflettu d-daqs relattiv tal-merħla tal-ħnieżer f'kull Stat Membru, ikun, u x'aktarx jibqa', inqas minn 103 % tal-prezz ta' referenza, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħżin privat.

(2) Il-prezzijiet tas-suq waqgħu taħt dak il-livell u, fid-dawl ta' xejriet staġjonali u ċikliċi, din il-qagħda għandha mnejn tibqa'. Fid-dawl ta' dan, jixraq li tingħata għajnuna għall-ħżin privat.

(3) L-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistipula li tista' tingħata għajnuna għall-ħżin privat tal-majjal, u li din l-għajnuna għandha tiġi ffissata mill-Kummissjoni bil-quddiem jew permezz ta' sejħa għall-offerti.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għoti ta' għajnuna għall-ħżin privat ta' ċerti prodotti agrikoli ([2]) stabbilixxa regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-għajnuna għall-ħżin privat.

(5) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, se tingħata għajnuna ffissata bil-quddiem skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet dettaljati fil-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament.

(6) Sabiex teħfief il-ġestjoni tal-miżura, il-prodotti tal-majjal jiġu kklassifikati f'kategoriji skont kriterji ta' xebh fir-rigward tal-livell tal-ispejjeż għall-ħżin.

(7) Id-data tal-għeluq għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għandha tiddependi mill-qagħda tas-suq, u għandha tiġi deċiża skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(8) Sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol amministrattiv u ta' kontroll rigward il-konklużjoni ta' kuntratti, għandhom jiġu stabbiliti l-kwantitajiet minimi tal-prodotti li kull applikazzjoni għandha tkopri.

(9) Għandha tiġi ffissata garanzija sabiex jiġi żgurat li l-operaturi jaqdu d-dmirijiet kuntrattwali tagħhom u li l-miżura jkollha l-effett mixtieq fuq is-suq.

(10) L-esportazzjoni ta' prodotti tal-majjal tikkontribwixxi għall-irkupru ta' bilanċ fis-suq. Għaldaqstant, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 meta l-perjodu tal-ħżin jitqassar minħabba li l-prodotti joħorġu mill-ħżin biex ikunu esportati. Għandhom jiġu ffissati l-ammonti ta' kuljum applikabbli għat-tnaqqis tal-ammont tal-għajnuna msemmija fl-istess Artikolu.

(11) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, u għal raġunijiet ta' konsistenza u ċarezza għall-operaturi, jeħtieġ li l-perjodu ta' xahrejn imsemmi fl-istess Artikolu jiġi espress f'jiem.

(12) L-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 jistipula t-tagħrif li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni. Jixraq li jiġu speċifikati r-regoli għal dan l-innotifikar fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

(13) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**L-ambitu**

1. Dan ir-Regolament jipprovdi għall-għajnuna għall-ħżin privat tal-majjal kif imsemmija fl-Artikolu 31(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. Il-lista tal-kategoriji tal-prodotti eliġibbli għall-għajnuna u l-ammonti korrispondenti jingħataw fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Regoli applikabbli**

Għandu japplika r-Regolament (KE) Nru 826/2008, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**It-tressiq tal-applikazzjonijiet**

1. Mid-data 01.02.2011 'il quddiem, jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħżin privat, għall-kategoriji tal-prodotti tal-majjal eliġibbli għall-għajnuna skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

2. L-applikazzjonijiet għandhom ikopru perjodu ta' ħżin ta' 90, 120 jew 150 jum.

3. Kull applikazzjoni għandha tirreferi għal kategorija waħda biss tal-prodotti, minn dawk elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament, b'indikazzjoni tal-kodiċi NM korrispondenti.

4. Id-data tal-għeluq għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għandha tiġi deċiża skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

5. Kull applikazzjoni għandha tkopri kwantità minima ta' 10 tunnellati għall-prodotti diżussati, u ta' 15-il tunnellata għal prodotti oħra.

*Artikolu 4*

**Garanziji**

L-ammont tal-garanzija li għandha tingħata skont l-Artikolu 16(2)(i) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu jkun 20 % tal-ammonti tal-għajnuna ffissati fil-kolonni 3 sa 5 tal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**It-tneħħija mill-ħżin ta' prodott maħsub għall-esportazzjoni**

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, għandu jkun meħtieġ perjodu minimu ta' ħżin ta' 60 jum.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, l-ammonti ta' kuljum jingħataw fil-kolonna 6 tal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Komunikazzjonijiet**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, kull nhar ta' Tnejn u ta' Ħamis sa 12:00 (ħin ta' Brussell), il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom tressqu applikazzjonijiet għall-iffirmar ta' kuntratti.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| Kategoriji tal-prodotti | Prodotti li għalihom tingħata l-għajnuna | Ammont tal-għajnuna għal perjodu ta' ħżin ta' (EUR/tunnellata) | | | Ammonti ta' kuljum (EUR/tunnellata/jum) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 90 jum | 120 jum | 150 jum | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| **Kategorija 1** | | | | | |
| ex 0203 11 10 | Nofs karkassi, mingħajr is-sieq ta' quddiem, id-denb, il-kliewi, il-falda l-irqiqa u s-sinsla tad-dahar ([1]) | 376 | 398 | 420 | 0,74 |
| **Kategorija 2** | | | | | |
| ex 0203 12 11 | Il-prieżet | 416 | 435 | 455 | 0,65 |
| ex 0203 12 19 | L-ispallejn | | | | |
| ex 0203 19 11 | It-trufijiet ta' quddiem | | | | |
| ex 0203 19 13 | Il-ġenbejn, bit-tarf tal-għonq jew mingħajru, jew it-truf tal-għonq separatament, il-ġenbejn biċ-*chump* jew mingħajrha ([2]) ([3]) | | | | |
| **Kategorija 3** | | | | | |
| ex 0203 19 55 | Ir-riġlejn, l-ispallejn, it-truf ta' quddiem, il-ġenbejn, bit-tarf tal-għonq jew mingħajru, jew it-truf tal-għonq separatament, bil-ġenbejn biċ-*chump* jew mingħajrha, bil-għadam imneħħi ([2]) ([3]). | 459 | 479 | 499 | 0,67 |
| **Kategorija 4** | | | | | |
| ex 0203 19 15 | Iż-żquq, sħaħ jew bix-xtur imneħħija b'qatgħa rettangolari | 343 | 362 | 381 | 0,65 |
| **Kategorija 5** | | | | | |
| ex 0203 19 55 | Iż-żquq, sħaħ jew bix-xtur imneħħija b'qatgħa rettangolari, mingħajr il-ġilda ta' barra u l-kustilji | 369 | 389 | 408 | 0,66 |
| **Kategorija 6** | | | | | |
| ex 0203 19 55 | Qatgħat li jikkorrispondu għan-"nofsijiet", bil-ġilda ta' barra jew bix-xaħam jew mingħajrhom, diżussati ([4]) | 373 | 395 | 416 | 0,73 |

([1]) L-għajnuna tista' tingħata wkoll għan-nofs karkassi ppreżentati bħala *Wiltshire sides*, jiġifieri mingħajr ir-ras, il-ħadd, ix-xedaq, is-saqajn, id-denb, il-grass tas-simna, il-kliewi, it-*tenderloin*, l-għadma tal-ispalla, l-isternu, is-sinsla, l-għadma pelvika u d-dijaframma.

([2]) Il-ġenbejn u t-truf tal-għonq jistgħu jkunu bil-ġilda ta' barra jew mingħajrha, imma s-saff tax-xaħam ta' magħha ma għandux jaqbeż fond ta' 25 mm.

([3]) Il-kwantità kkuntrattata tista' tkopri kull kombinazzjoni tal-prodotti msemmija.

([4]) L-istess preżentazzjoni bħall-prodotti koperti bil-kodiċi NM 0210 19 20.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 69/2011

## tat-28 ta' Jannar 2011

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 116,3 |
| | JO | 73,2 |
| | MA | 61,8 |
| | TN | 128,8 |
| | TR | 98,6 |
| | ZZ | 95,7 |
| 0707 00 05 | EG | 182,1 |
| | JO | 82,9 |
| | MA | 100,1 |
| | TR | 113,0 |
| | ZZ | 119,5 |
| 0709 90 70 | MA | 68,4 |
| | TR | 130,5 |
| | ZZ | 99,5 |
| 0709 90 80 | EG | 66,7 |
| | ZZ | 66,7 |
| 0805 10 20 | AR | 41,5 |
| | BR | 41,5 |
| | EG | 51,7 |
| | MA | 54,7 |
| | TN | 50,4 |
| | TR | 72,2 |
| | ZA | 41,5 |
| | ZZ | 50,5 |
| 0805 20 10 | IL | 163,3 |
| | MA | 75,3 |
| | TR | 79,6 |
| | ZZ | 106,1 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 69,9 |
| | IL | 93,5 |
| | JM | 94,5 |
| | MA | 108,5 |
| | PK | 51,5 |
| | TR | 63,9 |
| | US | 79,6 |
| | ZZ | 80,2 |
| 0805 50 10 | AR | 45,3 |
| | EG | 41,5 |
| | TR | 52,6 |
| | UY | 45,3 |
| | ZZ | 46,2 |
| 0808 10 80 | BR | 55,2 |
| | CA | 96,6 |
| | CL | 90,0 |
| | CN | 131,0 |
| | MK | 46,1 |
| | NZ | 78,5 |
| | US | 123,2 |
| | ZZ | 88,7 |
| 0808 20 50 | CN | 49,8 |
| | US | 125,5 |
| | ZA | 101,1 |
| | ZZ | 92,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 70/2011

## tat-28 ta' Jannar 2011

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 33/2011 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.
([4]) ĠU L 13, 18.1.2011, p. 57.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mid-29 ta' Jannar 2011**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 63,16 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 63,16 | 0,00 |
| 1701 12 10 (1) | 63,16 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 63,16 | 0,00 |
| 1701 91 00 (2) | 60,23 | 0,00 |
| 1701 99 10 (2) | 60,23 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 60,23 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,60 | 0,17 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 71/2011**

**tat-28 ta' Jannar 2011**

**dwar il-prezzijiet tal-bejgħ taċ-ċereali bi tweġiba għall-ħames stedina individwali għal sejħa għall-offerti fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa skont ir-Regolament (UE) Nru 1017/2010**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 43(f) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1017/2010 ([2]) fetaħ il-bejgħ taċ-ċereali permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku ([3]).

(2) Skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1017/2010, fid-dawl tas-sejħiet għall-offerti li jkunu waslu bi tweġiba għal stediniet individwali għal sejħa għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa għal kull ċereali u għal kull Stat Membru prezz minimu tal-bejgħ jew tiddeċiedi li ma tiffissahx.

(3) Fuq il-bażi tas-sejħiet għall-offerti li jkunu waslu għall-ħames stedina individwali għal sejħa għall-offerti, ġie deċiż li għandu jkun iffissat prezz minimu tal-bejgħ għaċ-ċereali u għall-Istati Membri.

(4) Sabiex jingħata sinjal malajr lis-suq u biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-ħames stedina individwali għal sejħa għall-offerti għall-bejgħ taċ-ċereali fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa skont ir-Regolament (UE) Nru 1017/2010, fir-rigward ta' liema, il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' sejħiet għall-offerti skada fis-26 ta' Jannar 2011, id-deċiżjonijiet dwar il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull ċereali u għal kull Stat Membru huma stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 293, 11.11.2010, p. 41.
([3]) ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

*ANNESS*

**Deċiżjonijiet dwar bejgħ**

*(EUR/tunnellata)*

| Stat Membru | Il-prezz minimu tal-bejgħ | | |
|---|---|---|---|
| | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrun |
| | Kodiċi tan-NM 1001 90 | Kodiċi tan-NM 1003 00 | Kodiċi tan-NM 1005 90 00 |
| Il-Belġju | X | X | X |
| Il-Bulgarija | X | X | X |
| Ir-Repubblika Ċeka | X | 185,51 | X |
| Id-Danimarka | X | 200,51 | X |
| Il-Ġermanja | X | 197,85 | X |
| L-Estonja | X | X | X |
| L-Irlanda | X | X | X |
| Il-Greċja | X | X | X |
| Spanja | X | X | X |
| Franza | X | ° | X |
| L-Italja | X | X | X |
| Ċipru | X | X | X |
| Il-Latvja | X | X | X |
| Il-Litwanja | X | X | X |
| Il-Lussemburgu | X | X | X |
| L-Ungerija | X | X | X |
| Malta | X | X | X |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | X | X | X |
| L-Awstrija | X | X | X |
| Il-Polonja | X | X | X |
| Il-Portugall | X | X | X |
| Ir-Rumanija | X | X | X |
| Is-Slovenja | X | X | X |
| Is-Slovakkja | X | 190,00 | X |
| Il-Finlandja | X | 178,02 | X |
| L-Isvezja | X | 191,06 | X |
| Ir-Renju Unit | X | 198,01 | X |

(—) L-ebda prezz minimu tal-bejgħ iffissat (l-offerti kollha ġew miċħuda)
(°) L-ebda offerta
(X) L-ebda ċereali ma huma disponibbli għall-bejgħ
(#) Mhux applikabbli

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/8/UE

### tat-28 ta' Jannar 2011

### li temenda d-Direttiva 2002/72/KE fir-rigward tar-restrizzjoni tal-użu ta' Bisfenol A fil-fliexken tal-plastik għat-tisqija tat-trabi

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE tas-6 ta' Awissu 2002 dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel ([2]) tawtorizza l-użu ta' 2,2-bis(4-idroksifenil)propejn, magħruf b'mod komuni bħala Bisfenol A (minn issa 'l quddiem "BFA"), bħala monomeru għall-manifattura tal-materjali u oġġetti tal-plastik li huma intenzjonati li jiġu f'kuntatt mal-oġġetti tal-ikel skont l-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (minn issa 'l quddiem "SCF") ([3]) u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (min issa 'l quddiem "l-EFSA") ([4]).

(2) Il-BFA jintuża bħala monomeru fil-manifattura tal-plastiks tal-polikarbonat. Il-plastiks tal-polikarbonat huma użati fost oħrajn fil-manifattura tal-fliexken tat-tisqija għat-trabi. Meta jissaħħnu f'ċerti kondizzjonijiet ammonti żgħar ta' BFA jistgħu potenzjalment jiskulaw mill-kontenituri tal-ikel għal ġol-ikel u x-xarbiet u jiġu indiġestiti.

(3) Fid-29 ta' Marzu 2010 il-Gvern Daniż informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li ddeċieda li japplika l-miżuri ta' salvagwardja stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u biex jiġi pprojbit temporanjament l-użu ta' BFA għall-manifattura tal-materjali tal-plastik f'kuntatt mal-ikel intenzjonat għat-tfal ta' età minn 0-3 ([5]).

(4) Il-Gvern Daniż issostanzja l-miżura ta' salvagwardja tiegħu b'valutazzjoni ta' riskju pprovduta fit-22 ta' Marzu 2010 mill-Istitut Nazzjonali tal-Ikel tal-Università Teknika tad-Danimarka (minn issa 'l quddiem "DTU Ikel"). Il-valutazzjoni ta' riskju tkopri l-evalwazzjoni ta' studju komprensiv li jsir fuq annimali esponuti għall-BFA f'dożi baxxi u hekk jiġi ssorveljat l-iżvilupp tas-sistema nervuża u l-imġieba fi ġrieden li għadhom jitwieldu. DTU Ikel evalwat ukoll jekk id-dejta l-ġdida biddlitx l-evalwazzjoni preċedenti tagħha tal-effetti tossiċi fuq l-iżvilupp tas-sistema nervuża u l-imġieba possibbilment ikkawżati mill-BFA.

(5) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 fit-30 ta' Marzu 2010 il-Kummissjoni staqsiet lill-EFSA biex tagħti l-opinjoni tagħha dwar ir-raġunijiet mogħtija mid-Danimarka biex ikkonkludiet li l-użu tal-materjal jitfa' fil-periklu s-saħħa tal-bniedem, għalkemm huwa konformi mal-miżuri speċifiċi relevanti.

(6) Fis-6 ta' Lulju 2010 il-Gvern Franċiż informa lill-Kummissjoni u fid-9 ta' Lulju 2010 lill-Istati Membri li ddeċieda li japplika l-miżuri ta' salvagwardja stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u biex jiġu pprojbiti temporanjament l-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-fliexken tat-tisqija li fihom il-BFA ([6]).

(7) Il-Gvern Franċiż issostanzja l-miżura ta' salvagwardja tiegħu b'żewġ opinjonijiet maħruġa mill-Awtorità Franċiża dwar is-Sigurtà fl-Ikel (AFSSA) fid-29 ta' Jannar 2010 u fis-7 ta' Ġunju 2010 u r-rapport ippubblikat fit-3 ta' Ġunju 2010 mill-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa u r-Riċerka Medika (INSERM).

([1]) ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

([2]) ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18.

([3]) L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel fir-rigward tal-Bisfenol A, espressa fis-17 ta' April 2002. SCF/CS/PM/3936 Finali 3 ta' Mejju 2002. http://ec.europa.eu/food/fs/sc/scf/out128_en.pdf

([4]) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi tal-Ikel, Ħwejjeġ li jsaħħu t-togħma, Aġenti u Materjali tal-Ipproċessar f'Kuntatt mal-Ikel fuq rikjesta mill-Kummissjoni relatata ma' 2,2-BIS(4-IDROKSI-FENIL)PROPEJN (Bisfenol A) Numru tal-Mistoqsija EFSA-Q-2005-100, Adottata fid-29 ta' Novembru 2006, *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2006) 428, p. 1, u Tossikokinetiċi ta' Bisfenol A, l-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi tal-ikel, Ħwejjeġ li jsaħħu t-togħma, Aġenti u Materjali tal-Ipproċessar f'Kuntatt mal-Ikel (AFC) (Nru tal-Mistoqsija EFSA-Q-2008-382) Adottata fid-9 ta' Lulju 2008, Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 759, p. 1.

([5]) Bekendtgørelse om ændring af bekendtgørelse om materialer og genstande bestemt til kontakt med fødevarer, Lovtidende A, Nr.286, 27.3.2010.

([6]) LOI n° 2010-729 du 30 juin 2010 tendant à suspendre la commercialisation de biberons produits à base de bisphénol A, JORF n° 0150 du 1 juillet 2010, page 11857.

(8) Fit-23 ta' Settembru 2010 l-EFSA adottat l-opinjoni tal-Bord tagħha dwar il-materjali b'kuntatt mal-ikel, enżimi, ħwejjeġ li jsaħħu t-togħma u għajnuniet għall-ipproċessar (minn issa 'l quddiem "il-Bord") dwar il-BFA li tirrispondi għat-talba tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2010 kif ukoll tkopri l-evalwazzjoni tal-istudju tal-imġieba-newro evalwat fil-valutazzjoni ta' riskju Daniża u r-reviżjoni u l-evalwazzjoni ta' studji oħrajn ippubblikati reċentement dwar il-BFA [1].

(9) Fl-opinjoni tiegħu l-Bord jikkonkludi li bbażat fuq l-evalwazzjoni komprensiva tad-dejta reċenti tat-tossiċità umana u tal-annimali, l-ebda studju ġdid ma seta' ġie identifikat, li dan isejjaħ għal reviżjoni tal-konsum ta' kuljum tollerabbli u attwali (minn issa 'l quddiem "TDI") ta' piż tal-ġisem ta' 0,05 mg/kg għal kuljum. Din it-TDI hija bbażata fuq il-livell tal-ebda effett negattiv ta' piż tal-ġisem ta' 5 mg/kg għal kuljum minn studju ta' tossiċità riproduttiva ta' multi-ġenerazzjoni fil-ġrieden, u l-applikazzjoni ta' fattur ta' inċertezza ta' 100, li huwa kkunsidrat bħala konservattiv ibbażat fuq l-informazzjoni kollha dwar il-tossikokinetiċi tal-BFA. Madankollu, f'opinjoni ta' minorità membru wieħed tal-Bord ikkonkluda li l-effetti osservati f'ċerti studji qajmu inċertezzi li jistgħu ma jkunux koperti bit-TDI attwali li allura għandu jkun ikkunsidrat bħala temporanju sakemm dejta aktar b'saħħitha ssir disponibbli fiż-żoni ta' inċertezza.

(10) Il-Bord innota li xi studji tal-annimali li saru fuq annimali li qed jiżviluppaw issuġġerixxu effetti oħrajn relatati mal-BFA ta' relevanza tossikoloġika possibbli, b'mod partikolari tibdiliet bijokimiċi fil-moħħ, effetti immuni u modulatorji u żieda fis-suxxettibilità għat-tumuri tas-sider. Dawn l-istudji għandhom ħafna nuqqasijiet. Ir-relevanza ta' dawn is-sejbiet fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem ma tistax tiġi valutata fil-preżent. Fil-każ li xi dejta ġdida relevanti tiġi disponibbli fil-futur, il-Bord se jerġa' jikkunsidra l-opinjoni tiegħu.

(11) Il-formula tat-trabi jew il-ħalib tas-sider huwa l-uniku sors ta' nutrizzjoni għat-trabi sal-età ta' erbgħa (4) xhur, u jibqa' l-akbar sors ta' nutrizzjoni għal xi ftit xhur addizzjonali. Fl-opinjoni tagħha tal-2006 l-EFSA kkonkludiet li t-trabi ta' età minn tliet (3) sa sitt (6) xhur li jkunu misqija permezz tal-fliexken tat-tisqija għat-trabi tal-polikarbonat għandhom l-akbar espożizzjoni għall-BFA, għalkemm taħt it-TDI. Għal dan il-grupp ta' trabi l-livell ta' espożizzjoni għall-BFA jitnaqqas ladarba it-tisqija mill-fliexken tal-polikarbonat titneħħa bil-mod u sorsi oħra ta' nutrizzjoni jsiru dominanti.

(12) Anke jekk it-tarbija jkollha kapaċità suffiċjenti biex telimina l-BFA fl-agħar każ ta' espożizzjoni l-opinjoni tal-EFSA enfasizzat li s-sistema ta' tarbija biex telimina il-BFA mhijiex żviluppata daqs dik ta' adult u tilħaq biss gradwalment il-kapaċità matul l-ewwel sitt xhur.

(13) L-effetti potenzjali tossikoloġiċi jista' jkollhom impatt ogħla fl-organiżmu li qed jiżviluppa. Skont l-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel tal-1997 [2] u tal-1998 [3] ċerti effetti, b'mod partikolari l-endokrina u effetti riproduttivi, effetti fuq is-sistema immuni u l-iżvilupp-newro huma ta' relevenza partikolari għat-trabi. Effetti riproduttivi u effetti ta' żvilupp-newro tal-BFA ġew studjati b'mod estensiv f'testijiet standard tossikoloġiċi ta' multiġenerazzjoni u fi studji oħrajn, li taw qies lill-organiżmu li qed jiżviluppa u ma żvelawx effetti f'dożi ta' taħt it-TDI. Madankollu, studji li ma setgħux jitqiesu biex jistabbilixxu t-TDI minħabba ħafna nuqqasijiet urew effetti relatati mal-BFA ta' relevanza tossikoloġika possibbli. Dawn l-effetti b'mod partikolari dawk fuq it-tibdiliet bijokimiċi fil-moħħ, li jistgħu jaffetwaw l-iżvilupp-newro u dawk fuq il-modulazzjoni immuni qed jirriflettu ż-żona ta' tħassib partikolari għat-trabi enfasizzata fl-opinjonijiet tal-SCF tal-1997 u l-1998. Barra minn hekk, l-opinjoni tal-EFSA tal-2010 issemmi l-effett fiż-żieda ta' espożizzjoni għall-BFA minn kmieni fuq il-formazzjoni ta' tumuri aktar tard fil-ħajja meta esponuti għall-karċinoġenu. Ukoll f'dan il-każ il-fażi sensittiva hija l-organiżmu li qed jiżviluppa. Għalhekk it-tarbija tista' tkun identifikata bħala l-parti vunnerabbli partikolari tal-popolazzjoni fir-rigward ta' dawk is-sejbiet għal liem ir-relevanza għas-saħħa tal-bniedem ma kinitx għadha setgħet tkun valutata.

(14) Skont l-opinjoni tal-EFSA tal-2006 fliexken tat-tisqija tal-polikarbonat huma s-sors ewlieni ta' espożizzjoni għall-BFA għat-trabi. Materjali alternattivi għall-polikarbonat li ma fihomx il-BFA jeżistu fis-suq tal-UE, b'mod partikolari fliexken tat-tisqija għat-trabi tal-ħġieġ u ta' plastik ieħor. Dawn il-materjali alternattivi jridu jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' sikurezza stretti stabbiliti għall-materjali ta' kuntatt mal-ikel. Għalhekk, mhuwiex neċessarju li jitkompla l-użu tal-BFA li fih il-polikarbonat għal fliexken tat-tisqija għat-trabi.

[1] L-Opinjoni Xjentifika dwar il-Bisfenol A; Evalwazzjoni ta' studju li jinvestiga t-tossiċità ta' żvilupp-newro, reviżjoni ta' litteratura xjentifika reċenti dwar it-tossiċità tiegħu u pariri dwar il-valutazzjoni ta' riskju Daniża tal-Bisfenol A il-Bord tal-EFSA dwar il-materjali ta' kuntatt tal-ikel, enżimi, ħwejjeġ li jsaħħu t-togħma u għajnuniet ta' ipproċessar (CEF) (Numri ta' Mistoqsijiet: EFSA-Q-2009-00864, EFSA-Q-2010-01023 u EFSA-Q-2010-00709) adottati fit-23 ta' Settembru 2010, *Il-Ġurnal tal-EFSA* 2010; 8(9):1829.

[2] Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel dwar, Limitu massimu ta' residwi (MRL) ta' 0,01 mg/kg għal pestiċidi f'ikel intenzjonat għat-trabi u tfal żgħar (espressa fid-19 ta' Settembru 1997).

[3] Aktar pariri dwar l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel espressa fid-19 ta' Settembru 1997 dwar Limitu Massimu ta' Residwi (MRL) ta' 0,01 mg/kg għal pestiċidi fl-ikel intenzjonat għat-trabi u tfal żgħar (adottata mill-SCF fl-4 ta' Ġunju 1998).

(15) Peress li teżisti vulnerabilità possibbli tat-trabi għall-effetti potenzjali tal-BFA għalkemm ukoll it-tarbija tkun probabbli kapaċi li telimina l-BFA u anke fejn ir-riskju, notabilment għas-saħħa tal-bniedem, ma jkunx għadu ntwera b'mod komplet, huwa xieraq li titnaqqas l-espożizzjoni tagħhom għall-BFA u dan jinkiseb b'mod kemm jista' jkun raġjonevoli, sakemm aktar dejta xjentifika tkun disponibbli biex tiċċara r-relevanza tossikoloġika ta' xi effetti osservati tal-BFA, b'mod partikolari fir-rigward tat-tibdiliet bijokimiċi fil-moħħ, effetti immuni u modulatorji u suxxettibilità żejda għat-tumuri tas-sider.

(16) Il-prinċipju prekawzjonarju li ssir referenza għalih fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1] jippermetti lill-Unjoni biex tadotta miżuri b'mod proviżjonali fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli pertinenti, b'valutazzjoni ta' riskju addizjonali pendenti u reviżjoni tal-miżura f'perjodu ta' żmien raġjonevoli.

(17) Jekk wieħed iqis li hemm l-inċertezzi fl-istat preżenti tar-riċerka xjentfika fir-rigward tal-espożizzjoni perikoluża tal-BFA lit-trabi permezz ta' fliexken tat-tisqija għat-trabi [2] tal-polikarbonat li hemm bżonn li jiġu ċċarati l-Kummissjoni hija intitolata li tieħu miżura preventiva fir-rigward tal-użu tal-BFA fil-fliexken tat-tisqija għat-trabi tal-polikarbonat fuq il-bażi ta' prinċipju prekawzjonarju li huwa applikabbli f'sitwazzjoni fejn hemm inċertezza xjentifika, anke jekk fejn ir-riskju, notabilment għas-saħħa tal-bniedem, ma jkunx għadu ntwera b'mod komplet.

(18) Għalhekk, huwa neċessarju u xieraq għall-kisba tal-mira bażika li jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem sabiex jitneħħew is-sorsi ta' periklu għas-saħħa fiżika u mentali li jistgħu jiġu kkawżati lit-trabi mill-espożizzjoni tal-BFA permezz tal-fliexken tat-tisqija.

(19) Il-Kummissjoni evalwat is-suq tal-fliexken tat-tisqija għat-trabi u rċeviet indikazzjoni mill-produtturi relevanti li l-azzjoni volontarja mill-industrija għal sostituzzjonijiet fis-suq hija kontinwa u l-impatt ekonomiku tal-miżura proposta huwa limitat. Għalhekk, il-fliexken kollha tat-tisqija għat-trabi li fihom il-BFA fis-suq tal-UE għandhom ikunu sostitwiti sa nofs l-2011.

(20) Sakemm aktar dejta xjentifika tkun disponibbli biex tiċċara r-relevanza tossikoloġika ta' xi effetti osservati tal-BFA, b'mod partikolari fir-rigward ta' tibdiliet bijokimiċi fil-moħħ, effetti immuni u modulatorji u suxxettibilità żejda għat-tumuri fis-sider, l-użu tal-BFA fil-manifattura u fit-tqegħid fis-suq tal-fliexken tat-tisqija għat-trabi tal-polikarbonat għandu jkun ipprojbit. Għalhekk, id-Direttiva 2002/72/KE għandha tiġi emendata skont dan. L-Awtorità għandha mandat biex tissorvelja studji ġodda biex jiċċaraw dawn il-punti ta' tmiem.

(21) Wara l-evalwazzjoni tal-fattibiltà teknika u ekonomika biex tiġi implimentata l-miżura proposta ġie konkluż li l-miżura mhijiex aktar restrittiva mill-kummerċ milli hu rekwiżit biex jinkiseb il-livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa magħżula fl-Unjoni.

(22) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Anness II, Sezzjoni A tad-Direttiva 2002/72/KE, it-test fil-kolonna 4 taħt in-numru ta' referenza 13480 fir-rigward tal-monomeru 2,2-bis(4-idroksifenil)propejn huwa sostitwit minn dan li ġej:

"SML (T) = 0,6 mg/kg. M'għandux jintuża għall-manifattura tal-fliexken tat-tisqija għat-trabi (*) tal-polikarbonat.

(*) Trabi kif definita fid-Direttiva 2006/141/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1)."

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2011, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta Stat Membru jadotta d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 b'tali mod li jipprojbixxu mill-1 ta' Marzu 2011 il-manifattura u mill-1 ta' Ġunju 2011 it-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' materjali u tal-oġġetti tal-plastik intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel u li ma jkunux konformi ma' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] Kif definita fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1).

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2011.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-20 ta’ Diċembru 2010

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/320/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tissewwa l-qagħda ta’ żbilanċ eċċessiv

(2011/57/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b’mod partikolari l-Artikolu 126(9) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1)(a) TFUE jipprevedi l-possibiltà li jiġu adottati miżuri adattati speċifiċi għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro bil-għan li jsaħħu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza tad-dixxiplina baġitarja tagħhom.

(2) L-Artikolu 126 TFUE jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċ tal-gvern eċċessiv u jistabbilixxi l-proċedura ta’ żbilanċ eċċessiv. Il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, li fil-parti korrettiva tiegħu jimplimenta l-proċedura ta’ żbilanċ eċċessiv, jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn immedjat għal pożizzjonijiet baġitarji sodi filwaqt li jqis il-qagħda ekonomika.

(3) Fis-27 ta’ April 2009, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fil-Greċja.

(4) Fl-10 ta’ Mejju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/320/UE ([1]) (minn issa “id-Deċiżjoni”) indirizzata lill-Greċja skont l-Artikolu 126(9) TFUE u l-Artikolu 136 TFUE, bil-ħsieb li tissaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa neċessarji biex tkun rimedjata s-sitwazzjoni ta’ żbilanċ eċċessiv mhux aktar tard mid-data ta’ skadenza fl-2014. Il-Kunsill stabbilixxa l-perkors li ġej għall-korrezzjoni tad-defiċit: defiċit tal-gvern li ma jaqbiżx EUR 18 508-il miljun fl-2010, EUR 17 065-il miljun fl-2011, EUR 14 916-il miljun fl-2012, EUR 11 399-il miljun fl-2013 u EUR 6 385 miljuni fl-2014.

(5) Skont il-previżjonijiet disponibbli meta l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni, il-PDG reali kien mistenni li jiċkien b’4 % fl-2010 u 2,5 % fl-2011, u jirkupra wara, b’rati ta’ tkabbir ta’ 1,1 % fl-2012, u 2,1 % fl-2013 u l-2014. Id-deflator tal-PDG kien mistenni li jkun 1,2 %, - 0,5 %, 1,0 %, 0,7 % u 1,0 % għas-snin 2010 sal-2014, rispettivament. Minħabba l-iżviluppi ekonomiċi, il-PDG reali issa huwa mistenni li jiċkien b’4,25 % fl-2010 u bi 3 % fl-2011 u jirkupra wara b’rati ta’ tkabbir ta’ 1,1 % fl-2012, u 2,1 %fl-2013 u l-2014. Id-deflators tal-PDG issa huma mistennija li jkunu 3,0 %, 1,5 %, 0,4 %, 0,8 % u 1,2 % għas-snin 2010 sal-2014, rispettivament.

(6) Fis-7 ta’ Settembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/486/UE ([2]) li temenda d-Deċiżjoni.

(7) Fil-15 ta’ Novembru 2010, il-Eurostat ivvalida l-istatistika tad-defiċit u d-dejn tal-Gvern Grieg, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal- 25 ta’ Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([3]). F’dik l-okkażżjoni, is-serje tad-defiċit u d-dejn għas-snin 2006-2009 kienu riveduti ‘l fuq. Il-proporzjon tad-defiċit tal-gvern mal-PDG għall-2009 kien rivedut minn 13,6 % tal-PDG għal 15,4 % tal-PDG, filwaqt li l-proporzjoni tad-dejn kien rivedut minn 115,1 % tal-PDG għal 126,8 % tal-PDG.

(8) Il-Greċja għamlet progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-miżuri mitluba mid-Deċiżjoni inkluż it-tnaqqis tad-defiċit tal-gvern. Madankollu, ir-reviżjoni msemmija qabel f’serje statistika flimkien mal-ġbir dgħajjef tad-dħul u problemi oħra bl-implimentazzjoni baġitarja, inkluż l-akkumulazzjoni ta’ ammonti pagabbli, jimplikaw li l-limitu massimu tad-defiċit tal-gvern għall-2010 probabbilment mhux se jintlaħaq. Dan it-telf dovut għandu jkun irkuprat matul l-2011.

([1]) ĠU L 145, 11.6.2010, p. 6.

([2]) ĠU L 241, 14.9.2010, p. 12.

([3]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

(9) Fl-24 ta' Novembru 2010, il-Greċja ppreżentat lill-Kunsill u l-Kummissjoni rapport li jiddeskrivi fil-qosor il-miżuri ta' politika li ttieħdu biex jikkonformaw mad-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u kkonkludiet li l-Greċja qed tikkonforma b'mod sodisfaċenti mad-Deċiżjoni.

(10) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, jidher xieraq li tiġi emendata d-Deċiżjoni f'għadd ta' aspetti, filwaqt li titħalla kif inhi l-iskadenza għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv u l-perkors ta' aġġustament għad-defiċit tal-gvern u ż-żieda tad-dejn tal-gvern f'termini nominali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/320/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(3), it-tieni sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Abbażi tal-previżjonijiet ta' Novembru 2010 dwar il-PDG, il-perkors korrespondenti għall-proporzjon ta' dejn mal-PDG ma għandux ikun iktar minn 143 % fl-2010, 153 % fl-2011, 157 % fl-2012, 158 % fl-2013 u 156 % fl-2014.";

(2) fl-Artikolu 2(3), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni li ssaħħaħ il-qafas fiskali. Dan għandu jinkludi, b'mod partikolari, t-twaqqif ta' qafas fiskali fuq il-medda medja ta' żmien, il-ħolqien ta' riżerva ta' kontinġenza obbligatorja fil-baġit li tikkorrispondi għal 5 % tal-approprjazzjonijiet totali tad-dipartimenti tal-gvern, esklużi s-salarji, l-pensjonijiet u l-interessi, it-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ aktar b'saħħithom fuq in-nefqa u t-twaqqif ta' uffiċċju tal-baġit magħqud mal-Parlament;";

(3) l-Artikolu 2(3), il-punt (g) huwa mħassar;

(4) fl-Artikolu 2(3) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) ġestjoni aħjar tal-assi pubbliċi, bil-għan li jinġabru mill-inqas EUR 7 biljuni waqt il-perijodu 2011-2013, li minnhom mill-anqas EUR 1 biljun fl-2011 u r-rikavat mill-bejgħ tal-assi (assi immobiljari u assi finanzjarji) għandu jintuża biex jinfeda d-dejn u mhux se jnaqqas l-isforzi tal-konsolidazzjoni fiskali għall-konformità tal-limiti massimi tad-defiċit fl-Artikolu 1(2);";

(5) fl-Artikolu 2(3), il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) digriet li jipprojbixxi l-gvernijiet lokali milli jkollhom defiċits mill-inqas sal-2014; tnaqqis fit-trasferimenti lill-gvern lokali f'konformità mal-iffrankar ippjanat u t-trasferimenti ta' kompetenzi;";

(6) fl-Artikolu 2(3), il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(o) implimentazzjoni ta' sistema uniformi ta' preskrizzjoni elettronika; pubblikazzjoni tal-lista tal-prezzijiet kompluta għall-mediċini fis-suq; applikazzjoni tal-lista ta' mediċini li mhumiex rimborżati u lista ta' mediċini li jistgħu jinbigħu mingħajr preskrizzjoni; pubblikazzjoni tal-lista l-ġdida ta' mediċini rimburżati bl-użu tas-sistema ġdida ta' prezz ta' referenza; l-użu tal-informazzjoni disponibbli permezz tal-preskrizzjoni elettronika u l-iskennjar għall-ġbir ta' roħs mill-kumpaniji farmaċewtiċi; introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jippermetti li n-nefqa farmaċewtika tkun ivvalutata kull xahar; infurzar ta' kopagamenti għal servizzi ambulatorji regolari ta' EUR 5 u l-estensjoni ta' kopagamenti ta' żjarat mhux mixtieqa lid-dipartimenti tal-emerġenza; pubblikazzjoni ta' kontijiet awditjati għall-isptarijiet u ċ-ċentri tas-saħħa; ħolqien ta' taskforce indipendenti ta' esperti tal-politika tas-saħħa li l-kompitu tagħhom huwa li sal-aħħar ta' Mejju 2011 jipproduċu rapport dettaljat għal riforma kumplessiva tas-sistema tas-saħħa bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema tas-saħħa;";

(7) fl-Artikolu 2(3), il-punt (p) huwa mħassar.

(8) fl-Artikolu 2(3) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(q) tnaqqis ulterjuri fin-nefqa operazzjonali b'mill-inqas 5 % li jwassal għal iffrankar ta' mill-inqas EUR 100 miljun;

(r) tnaqqis ulterjuri fit-trasferimenti li jwassal għal iffrankar għall-gvern kollu ta' mill-inqas EUR 100 miljun. L-entitajiet pubbliċi benefiċjarji se jiżguraw tnaqqis addizzjonali fin-nefqa sabiex ma jkunx hemm akkumulazzjoni ta' arretrati;

(s) verifika tal-mezzi tal-benefiċċji tal-familja minn Jannar 2011 'il quddiem li se twassal għal iffrankar ta' mill-inqas EUR 150 miljun (nett mill-kosti amministrattivi rispettivi);

(t) tnaqqis mix-xiri ta' tagħmir militari (kunsinni) b'mill-inqas EUR 500 miljun meta mqabbel mal-livell reali tal-2010;

(u) tnaqqis fin-nefqa fuq prodotti farmaċewtiċi mill-fondi tas-sigurtà soċjali b'EUR 900 miljun minħabba tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet tal-mediċini u minħabba proċeduri ġodda tal-akkwist pubbliku; u mill-isptarijiet (inkluż wkoll in-nefqa fuq it-tagħmir) b'mill-inqas EUR 350 miljun;

(v) tibdil fil-maniġment, l-ipprezzar u l-pagi tal-intrapriżi pubbliċi li se jwassal għal iffrankar ta' mill-inqas EUR 800 miljun;

(w) ekwalizzazzjoni tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tat-tisħin u d-dijżil wara l-15 ta' Ottubru 2011, bl-għan li jkunu miġġielda l-frodi li se trendi EUR 400 miljun fl-2011 netti mill-miżuri speċifiċi li jipproteġu l-faxex tal-popolazzjoni li għandhom inqas dħul;

(x) żieda fir-rati mnaqqsa tal-VAT minn 5,5 % għal 6,5 % u minn 11 % għal 13 %, li se trendi mill-inqas EUR 880 miljun u tnaqqis fir-rata tal-VAT applikabbli għall-mediċini u l-akkomodazzjoni fil-lukandi minn 11 % għal 6,5 % b'kost li ma jaqbizx EUR 250 miljun, nett mill-iffrankar għall-fondi tas-sigurtà soċjali u l-isptarijiet li jirriżulta mir-rata iktar baxxa tal-VAT fuq il-mediċini;

(y) intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-kutrabandu tal-fjuwil (mill-inqas EUR 190 miljun);

(z) żieda fit-tariffi tal-qrati (mill-inqas EUR 100 miljun);

(aa) implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-ġbir tal-arretrati tat-taxxa (mill-inqas EUR 200 miljun);

(bb) it-tħaffif tal-ġbir tal-penali tat-taxxa (mill-inqas EUR 400 miljun);

(cc) il-ġbir tad-dħul li jirriżulta mill-qafas ġdid tat-tilwim u l-proċeduri legali fiskali (mill-inqas EUR 300 miljun);

(dd) dħul mit-tiġdid tal-liċenzji tat-telekomunikazzjonijiet li waslu biex jiskadu (mill-inqas EUR 350 miljun);

(ee) dħul minn konċessjonijiet (mill-inqas EUR 250 miljun);

(ff) pjan ta' ristrutturazzjoni għan-netwerk tat-trasportazzjoni ta' Ateni (OASA). L-għan tal-pjan għandu jkun li jitnaqqas it-telf operazzjonali tal-kumpanija u jagħmilha ekonomikament vijabbli. Il-pjan għandu jinkludi tnaqqis drastiku fin-nefqa operazzjonali tal-kumpanija u żidiet fit-tariffi. L-azzjonijiet meħtieġa għandhom jiġu implimentati mhux aktar tard minn Marzu 2011;

(gg) att li jillimita r-reklutaġġ fl-amministrazzjoni pubblika kollha għal proporzjon ta' mhux iktar minn reklutaġġ wieħed għal kull ħames persuni li jirtiraw jew jitkeċċew mingħajr eċċezzjonijiet settorjali u inkluż persunal trasferit minn intrapriżi pubbliċi taħt ristrutturazzjoni għal entitajiet pubbliċi;

(hh) atti li jsaħħu l-istituzzjoni tas-suq tax-xogħol u li jistabbilixxu li: ftehimiet fil-livell tal-kumpanija jipprevalu fuq dawk taħt ftehimiet tas-settur jew okkupazzjonali mingħajr restizzjonijiet mhux xierqa; ftehimiet kollettivi fil-livell tal-kumpanija m'humiex restritti minn rekwiżiti rigward id-daqs minimu tal-kumpaniji; l-estensjoni ta' ftehimiet tas-settur u okkupazzjonali għal partijiet mhux rappreżentati fin-negozjati hija eliminata; il-perijodu ta' prova għal xogħlijiet ġodda huwa estiż; limiti temporanji fl-użu ta' aġenziji ta' xogħol temporanji huma eliminati; impedimenti għal użu akbar ta' kuntratti ta' żmien determinat huma mneħħija; id-dispożizzjoni li tistabbilixxi rinumerazzjoni ogħla fis-siegħa għal ħaddiema part-time tiġi eliminata u ġestjoni aktar flessibbli tal-ħinijiet tax-xogħol ikluż tax-xift ta' xogħol part-time hija permessa.";

(9) fl-Artikolu 2(4), il-punt (a) huwa mħassar;

(10) fl-Artikolu 2(4), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) ikklerjar ta' arretrati akkumulati fis-snin preċedenti;

(d) pjan multiannwali għall-konsolidazzjoni fiskali strutturali inklużi miżuri ta' mill-inqas 5 % tal-PDG li jiżguraw il-miri tad-defiċit sal-2014;

(e) pjan kontra l-evażjoni li jinkludi indikaturi ta' prestazzjoni kwantitattivi li jżommu responsabbli l-amministrazzjoni tad-dħul; leġiżlazzjoni li tissimplifika l-kwistjoni tal-amministrazzjoni fiskali u l-proċessi ta' appell ġudizzjarju u l-atti u l-proċeduri meħtieġa sabiex ikunu indirizzati aħjar imġiba skorretta, korruzzjoni u prestazzjoni ħażina ta' uffiċjali fiskali, inkluża l-prosekuzzjoni f'każijiet ta' ksur ta' doveri;

(f) pjan ta' azzjoni dettaljat bi skeda li tikkompleta u timplimenta s-sistema ta' remunerazzjoni simplifikata;

(g) titjib fis-sistemi ta' kontabbiltà u fatturazzjoni tal-isptarijiet permezz ta': finalizzazzjoni tal-introduzzjoni ta' sistemi kontabilistiċi abbażi tad-dovuti b'entrati doppji korrispondenti fl-isptarijiet kollha; l-użu ta' sistema ta' kodiċi uniformi u reġistru komuni għall-provvisti tal-mediċina; il-kalkolu ta' stokkijiet u flussi ta' provvisti mediċi fl-isptarijiet kollha bl-użu ta' sistema ta' kodiċi uniformi għall-provvisti tal-mediċina; il-ġbir ta' kopagamenti mill-pazjenti fil-faċilitajiet kollha tas-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali; u l-fatturar fil-ħin tal-kosti tat-trattament (mhux iktar tard minn xahrejn) għall-fondi tas-sigurtà soċjali Griegi, Stati Membri oħra u assiguraturi privati tas-saħħa u l-iżgurar li mill-inqas 50 % tal-volum tal-mediċini użati mill-isptarijiet pubbliċi sal-aħħar tal-2011 hija komposta minn mediċini ġeneriċi u mingħajr brevetti billi jsir obbligatorju għall-isptarijiet pubbliċi kollha sabiex jakkwistaw prodotti farmaċewtiċi b'sustanza attiva;

(h) bl-għan li jkun jkunu miġġielda l-ħela u l-immaniġġar ħażin tal-kumpaniji proprjetà tal-istat u biex jiġu frankati EUR 800 miljun, il-Greċja għandha tadotta att sal-aħħar ta' Frar 2011 li: jnaqqas ir-remunerazzjoni fl-intrapriżi privati b'mill-inqas 10 % fil-livell tal-kumpaniji; jillimita r-remunerazzjoni sekondarja għal 10 % tar-remunerazzjoni primarjaj tistabbilixxi limitu massimu ta' EUR 4 000 fix-xahar bħal dħul gross (12-il pagament fis-sena); iżid it-tariffi tat-trasport urban b'mill-inqas 30 %; iżid tariffi oħra; jistabbilixxi azzjonijiet li jnaqqsu n-nefqa operazzjonali fil-kumpaniji pubbliċi bejn 15 u 25 % u jadotta att għar-ristrutturar tal-OASA sa Marzu 2011;

(i) qafas regolatorju ġdid li jiffaċilita l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' konċessjoni għall-ajruporti reġjonali;

(j) l-istabbiliment ta' taskforce indipendenti għall-politika tal-edukazzjoni li jkollha l-għan li żżid l-effiċjenza tas-sistema pubblika tal-edukazzjoni (edukazzjoni primarja, sekondarja u għolja) u li tagħmel użu iktar effiċjenti tar-riżorsi;

(k) l-adozzjoni ta' liġi li tistabbilixxi l-awtorità tal-Akkwist Pubbliku waħdanija skont il-Pjan ta' Azzjoni.";

(11) Fl-Artikolu 2(5), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) valutazzjoni tar-riżultati tal-ewwel fażi tar-reviżjoni funzjonali indipendenti ta' amministrazzjoni ċentrali, inklużi rakkomandazzjonijiet tal-politika operazzjonali u kompletazzjoni tar-reviżjoni tal-programmi soċjali eżistenti;";

(12) fil-punt (d) tal-Artikolu 2(5), is-snin "2010-2060" huma sostitwiti bis-snin "2009-2060")

(13) Fl-Artikolu 2(5), jiżdied il-punt li ġej:

"(h) il-promozzjoni ulterjuri tal-użu ta' mediċini ġeneriċi permezz ta' preskrizzjoni elettronika obbligatorja minn sustanza attiva.";

(14) fl-Artikolu 2(6), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-inklużjoni tal-abbozz ta' baġit għall-2012 ta' miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali li jammontaw għal minn tal-inqas 2,2 % tal-PGD. Il-baġit għandu jinkludi, b'mod partikolari, l-miżuri li ġejjin (jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, miżuri li jwasslu għal tfaddil komparabbli): aktar tkabbir tal-bażi tal-VAT bit-trasferiment ta' oġġetti u servizzi li ma jibqgħux igawdu minn rata imnaqqsa u minflok tibda tapplika għalihom rata normali (bil-għan li jinġabru minn tal-inqas EUR 300 miljun addizzjonali); jitnaqqas l-impjieg pubbliku b'żieda mar-regola ta' reklutaġġ wieħed għal kull 5 persuni li jirtiraw fis-settur pubbliku (bil-għan li jitfaddlu minn tal-inqas EUR 600 miljun); jiġu stabbiliti dazji tas-sisa għal xorb mhux alkoħoliku (għal ammont totali ta' minn tal-inqas EUR 300 miljun); żieda tat-taxxa fuq beni immobbli permezz ta' aġġornament tal-valuri tal-assi (għall-ħolqien ta' minn tal-inqas EUR 200 miljun dħul żejjed); organizzazzjoni mill-ġdid ta' gvernijiet sub-ċentrali (li jimmira li jiġġenera minn tal-inqas EUR 500 miljun fi tfaddil); iffriżar nominali tal-pensjonijiet; aktar effiċjenza fit-tassazzjoni preżuntiva tal-professjonisti (bil-għan li jinġabru minn tal-inqas EUR 100 miljun); tnaqqis fit-trasferiment lill-ażjendi pubbliċi (b'minn tal-inqas EUR 800 miljun) wara r-ristrutturar tagħhom; il-benefiċċji tal-qgħad isiru ttestjati skont il-mezzi (bil-għan li jitfaddlu EUR 500 miljun); u jinġabar aktar dħul mil-liċensjar tal-logħob (minn tal-inqas EUR 225 miljun fil-bejgħ tal-liċenzji u EUR 400 miljun fi drittijiet finanzjarji);";

(15) fl-Artikolu 2(7), il-punt (c) huwa mħassar;

(16) fl-Artikolu 2(7) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) sistema ta' kost ibbażata fuq il-każijiet fl-isptar għandha tintuża għall-finijiet baġitarji mill-2013 'il quddiem;

(e) atti għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet operazzjonali tal-ewwel fażi tar-reviżjoni funzjonali tal-amministrazzjoni pubblika fuq livell ċentrali u tar-reviżjoni sħiħa tal-programmi soċjali eżistenti;

(f) l-Awtorità Waħdanija għall-Akkwist Pubbliku tibda l-operazzjonijiet tagħha bir-riżorsi neċessarji sabiex taqdi l-mandat, l-għanijiet, il-kompetenzi u s-setgħat tagħha fil-Pjan ta' Azzjoni.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MATOLCSY Gy.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT